**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Luke Bugeja Persiano**

Kumpilazzjoni Numru: 1112/2013

**Illum 25 ta' Jannar, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Luke Bugeja Persiano, ta' 29 sena, iben Leone u Maria Gaetana nee' Persiano, twieled Pieta' fil-21 ta' Settembru 1984, residenti 146, Triq Brigella, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 462684M:

Talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-9 ta' Novembru 2013 f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn is-1.30 ta' filghodu u t-3.30 ta' filghodu ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' flus kontanti, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li jiskorri il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94 Euro) imma ma kienx izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euro) u bil-hin, sar ghad-dannu ta' Aldo Zambruno mill-Italja;

Kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti u cioe' flus kontanti

gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94 Euro) imma ma kienx izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euro);

U finalment talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 261(c) u 261(f) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 267, 270, 279(a), 280(1) u 281(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta tallum u li kkonferma l-istess ammissjoni wara li inghata zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel wahda.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 141, 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett (3) snin.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' elfejn u disa' Euro u tmienja u hamsin centezmu (€2009.58) rapprezentanti hlas ta' l-ispejjez tal-esperti mahtura. Il-hati qieghed jinghata sena zmien sabiex ihallas dan l-ammont f'rati mensili bl-ewwel pagament jibda jithallas mill-ahhar ta' Frar, 2016. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat